



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
COM(2016) 585 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**DWAR L-ATTIVITAJIET ESTERNI TAL-BEI KOPERTI MILL-GARANZIJA
BAĠITARJA TAL-UE FL-2015**

{SWD(2016) 296 final}

1. INTRODUZZJONI

Id-Deċiżjoni 466/2014/UE¹ tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' April 2014 tagħti l-garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI biex jappoġġaw proġetti barra mill-Unjoni Ewropea matul il-perjodu 2014-2020 (id-“Deċiżjoni” jew il-“Garanzija tal-UE”). Din id-Deċiżjoni teħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet esterni tal-BEI b'garanzija baġitarja tal-UE, billi tibbaża fuq ir-rapporti annwali pprovduti mill-BEI. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 466/2014/UE matul l-2014-2020, dan ir-rapport li jkopri s-sena 2015 tħejja skont ir-rekwiżiti ta' din il-bażi ġuridika. Dan ir-rapport jipprovdwi wkoll sommarju tal-operazzjonijiet b'riskju proprju mwettqa mill-BEI fl-2015 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. L-operazzjonijiet tal-BEI fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) kif ukoll fil-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (OCT) huma koperti f'rapport annwali separat.

Id-Deċiżjoni (“il-Mandat”) tistabbilixxi limitu massimu ta' garanzija tal-UE ta' EUR 30 biljun imqassma f'limitu fiss li jammonta għal EUR 27 biljun u ammont addizzjonali opzjonali ta' EUR 3 biljun. L-attivazzjoni ta' dan l-ammont opzjonali u d-distribuzzjoni reġjonali tiegħu se jiġi deċiżi mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill wara r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Mandat. Fid-deċiżjoni l-ġdida (466/2014/UE), it-tliet objettivi ta' livell għoli għall-estensjoni tal-garanzija tal-UE jibqgħu l-istess: il-promozzjoni tat-tkabbir fis-settur privat lokali, l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika, l-azzjoni klimatika u, bħala objettiv sottostanti, it-trawwim tal-integrazzjoni reġjonali. Il-Mandat daħal fis-seħħ bl-iffirmar tal-Ftehim ta' Garanzija fil-25 ta' Lulju 2014.

Aktar informazzjoni dettaljata u tabelli statistiċi dwar l-attivitajiet ta' hawn fuq, anki fil-livell ta' proġetti, setturi, pajjiżi u reġjuni hija mogħtija fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (Staff Working Document, "SWD"). Wara r-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas għall-Kejl tar-Riżultati (Results Measurement - ReM) tal-BEI, dan ir-rapport jipprovdwi informazzjoni dwar ir-riżultati mistennija abbażi tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati fl-2015.

2. RIŻULTATIEWLENIN

Fl-2015, il-BEI iffirma kuntratti b'valur totali ta' EUR 6,7 biljun fir-reġjuni koperti mill-Mandat ta' Self Estern (External Lending Mandate- ELM) li huwa kważi l-istess ammont ta' sottoskrizzjonijiet bħas-sena preċedenti (EUR 6,8 biljun). Madwar tlett kwarti minn dawn (72 %, EUR 4,8 biljun) twettqu taħt l-ELM bil-garanzija tal-UE, li jikkorrispondi għal żieda ta' 16 % meta mqabbel mal-2014. Is-sehem tas-self li jibbenefika minn garanzija komprensiva tal-UE li tkopri operazzjonijiet sovrani jew subsovrani kienet ta' EUR 4,4 biljun (92 %), filwaqt li EUR 0,4 biljun (8 %) ibbenefikaw minn garanzija ta' riskju politiku tal-UE għal operazzjonijiet tas-settur privat. Il-finanzjament fl-ambitu tal-faċilitajiet għar-riskju proprju tal-BEI naqsu b'EUR 0,7 biljun għal EUR 1,9 biljun. Il-volumi kumplessivi fl-2015 kienu prinċipalment xprunati minn prestazzjoni għolja fil-viċinat tal-Lvant, fir-Russja, fl-Asja u fir-reġjuni tal-Amerika Latina.

Il-BEI kompla juri l-impenn tiegħu biex jappoġġa l-aġenda tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika. F'Settembru 2015, il-Bord tal-BEI adatta Strateġija tal-Azzjoni Klimatika biex jiggwida l-azzjonijiet kollha tal-UE kemm fl-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha. L-operazzjonijiet tal-BEI ffirmati fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni għadhom 'il fuq sew mill-

¹ ĠU L 135, 08.05.2014, p. 1.

livell limitu ta' 25 % stabbilit fid-Deċiżjoni. Sa tmiem l-2015, il-proporzjon ta' azzjoni klimatika kumulattiva fil-perjodu tal-mandat ta' 2014-2020 laħaq il-35 %. Fl-2015, ġew mislufa EUR 2,1 biljun għal Azzjoni Klimatika fir-reġjuni koperti mill-ELM. L-Asja tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għal din il-mira, peress li l-azzjoni klimatika ġiet definita bħala prijorità ewlenija għal dan ir-reġjun.

Barra minn hekk, fl-2015, 32 % (EUR 2,2 biljun) tal-operazzjonijiet kollha sottoskritti fir-reġjuni koperti mill-ELM (minn hawn 'il quddiem Reġjuni ELM) se jappoġġaw l-oġettiv trasversali tal-integrazzjoni reġjonali, l-oġettiv trasversali tal-ELM, permezz ta' interkonnessjonijiet tal-enerġija, konnessjonijiet tat-trasport, fondi ta' ekwità reġjonali u appoġġ għall-konverġenza permezz tal-iżvilupp tas-settur privat lokali.

Il-BEI innota li fl-2015, meta r-ReM ġie implimentat għar-raba' sena konsekuttiva, 100 % tal-operazzjonijiet ġodda sottoskritti fir-reġjuni koperti mill-Mandat huma mistennija jagħtu kontribuzzjoni eċċellenti jew tajba għall-oġettivi tal-Mandat. Madwar 88 % tal-proġetti l-ġodda huma mistennija jiksbru riżultati eċċellenti jew tajbin fir-rigward tal-impatt mistenni, il-kwalità, u s-solidità tal-proġetti. Aktar minn 80 % tal-proġetti l-ġodda huma mistennija jiġu assoċjati ma' addizzjonalità għolja jew sinifikanti grazzi għall-kontribuzzjoni tal-BEI. Il-BEI se jippubblika dalwaqt ir-rapport tiegħu dwar ir-riżultati tal-operazzjonijiet tal-BEI fl-2015 barra l-Unjoni (li jinkludi wkoll operazzjonijiet fil-pajjiżi AKP u OCT) fuq is-sit web tiegħu.

Id-Deċiżjoni tenfasizza allinjament qawwi tal-attività esterna tal-BEI mal-politiki esterni, mal-programmi u mal-istrumental-Unjoni u ta' min jinnota li matul l-2015, il-BEI kompli jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-SEAE biex isaħħaħ il-konsistenza u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-BEI mal-politiki esterni tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, flimkien mal-BEI u b'konsultazzjoni mal-SEAE, aġġornat il-Linji Gwida Operazzjonali Tekniċi Reġjonali (Regional Technical Operational Guidelines - "RTOGs") li ntbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Mejju 2015. L-RTOGs huma applikabbli matul il-perjodu 2014-2020 għall-operazzjonijiet tal-BEI koperti mill-garanzija tal-UE. L-RTOGs jipprovdu gwida għall-allinjament tal-ambitu tal-interventi tal-BEI fir-reġjuni differenti mal-politiki, il-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni.

3. OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT

3.1. RIEŻAMI TAL-OPERAZZJONIJIET TA' FINANZJAMENT TAL-BEI SOTTOSKRITTI FL-2015 SKONT IL-KONTRIBUZZJONI GĦALL-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UNJONI

Id-Deċiżjoni tipprevedi tliet oġettivi orizzontali ta' livell għoli għar-reġjuni kollha koperti minn garanzija baġitarja tal-UE:

- (i) L-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji ("SMEs").
- (ii) L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika,
- (iii) Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

L-oġettivi addizzjonali sottostanti jinkludu l-kontribuzzjoni għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tat-TUE u l-integrazzjoni reġjonali

fost il-pajjiżi sħab, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-Pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-pajjiżi tal-Viċinat u l-Unjoni.


Mill-ammont totali sottoskritt fir-reġjuni ELM fl-2015, 40 % (EUR 2,7 biljun) se jappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat lokali, prinċipalment permezz ta' titjib fl-aċċess għal finanzjament għall-SMEs, mikrointrapriżi u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. 60 % (EUR 4,0 biljun) se jikkontribwixxi għall-iżvilupp fl-infrastruttura soċjali u ekonomika. L-operazzjonijiet kollha tal-BEI barra mill-Unjoni jappoġġaw wieħed minn dawn l-oġġettivi jew it-tnejn li huma. Bħala tali, l-oġġettiv tal-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima jista' jiġi kkunsidrat bħala oġġettiv trasversali.

L-oġġettiv trasversali tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima se jkun appoġġat minn 32 % tas-self (EUR 2,1 biljun).

Bl-istess mod, 32 % (EUR 2,2 biljun) huwa maħsub biex jappoġġa l-oġġettiv trasversali tal-integrazzjoni reġjonali, kemm permezz tal-iżvilupp infrastrutturali, kif ukoll permezz tal-appoġġ tal-aċċess għall-finanzjament għas-settur privat.

Il-kontribuzzjonijiet għall-oġġettivi tal-Mandat huma riflessi fil-Grafika 1 li tikkunsidra kemm l-operazzjonijiet tal-2015 taħt il-Mandat u wkoll dawk taħt il-faċilitajiet għar-riskju proprju.

Ċart 1: Kontribuzzjoni għall-oġġettivi tal-mandat (f' % u skont l-ammont tal-kontribuzzjoni)



Il-bqija tar-rapporti tat-taqsimha stennew u kisbu riżultati dwar l-oġġettivi tal-politiki tal-UE, kif irreġistrati fil-qafas tal-ReM. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-taqsimha fir-rigward tar-riżultati mistennija mhuwiex il-kuntratti kollha fl-2015, iżda l-proġetti kollha li għalihom ġie ffirmat l-ewwel kuntratt ta' finanzjament fl-2015 (dawn huma msemmija "proġetti ġodda"). Dan l-appoġġ jevita l-għadd doppju tar-riżultati għal proġetti b'diversi kuntratti ta' finanzjament iffirmati fi snin suċċessivi. Dan ifisser li l-volumi ta' self imsemmija f'din it-taqsimha huma t-total tal-volumi approvati għall-proġetti l-ġodda biss. Barra minn hekk,

minħabba l-metodoloġija użata, il-volumi ta' self u l-komputazzjonijiet tal-proġetti mhux dejjem se jkunu strettament komparabbli.

Żvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-SMEs

L-appoġġ tal-BEI għall-iżvilupp tas-settur privat lokali jirrigwarda l-ħolqien ta' kundizzjonijiet biex jippermettu lin-nies fi swieq li qed jiżviluppaw jew daww emerġenti li jiżviluppaw u jespandu n-negozji u b'hekk joħlqu l-impjiegi, jissodisfaw il-bżonnijiet għal oġġetti u servizzi, jgħlbu l-faqar u l-insigurtà tal-ikel u jżidu l-istandards tal-għajxien. Fl-aħħar mill-aħħar, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli ma jistax iseħħ mingħajr l-iżvilupp tas-settur privat. Dan l-appoġġ jieħu forom differenti: l-estensjoni tal-linji ta' kreditu għal intermedjarji finanzjarji lokali (prinċipalment banek) għall-għoti ta' self għall-SMEs; il-parteċipazzjoni f'fondi tal-ekwità privata u kapital ta' riskju f'kumpaniji b'potenzjal tat-tkabbir kbir, il-finanzjament b'ekwità għal fornituri tal-mikrofinanzi; u self dirett għal kumpaniji akbar.

Sitta u għoxrin proġett ġdid li ġew sottoskritti fl-2015 se jappoġġaw l-iżvilupp tas-settur privat lokali. It-total tal-finanzjament tal-BEI approvat għal dawn il-proġetti huwa ta' EUR 2,9 biljun. 20 huma linji ta' kreditu li jappoġġaw lill-SMEs; wieħed (1) jappoġġa attivitajiet ta' mikrofinanzjament permezz ta' strument ta' investiment tal-mikrofinanzjament; u ħamsa (5) jappoġġaw attivitajiet tar-R&Ż u proġetti ta' investiment minn kumpaniji kbar.

Żvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika

L-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika – li jinkludi kull ħaġa minn toroq u sistemi tal-enerġija għal faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u servizzi tal-internet broadband – huwa wieħed mill-pilastru tal-proċess tal-iżvilupp. Huwa wkoll pilastru li għalih il-finanzjament pubbliku spiss ikun vitali, fejn il-beni tal-infrastruttura huma spiss beni pubbliċi li għandhom riperkussjonijiet pożittivi kbar għall-ekonomija, għall-ambjent u għall-benesseri uman. Il-BEI jappoġġa proġetti tal-infrastruttura f'firxa wiesgħa ta' setturi.

Hemm 29 proġett ġdid li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika f'reġjuni ELM fl-2015. It-total tal-finanzjament tal-BEI approvat għal daww il-proġetti huwa ta' EUR 3,9 biljun.

Il-BEI ffirmat kuntratti għal 11-il proġett ġdid fis-settur tal-enerġija fl-2015, li ħamsa (5) minnhom huma ffokati fuq l-espansjoni u l-aġġornament ta' netwerks tat-trażmissjoni tal-enerġija u ta' distribuzzjoni. Dawn il-proġetti se jikkonnettjaw 273 000 unità domestika addizzjonali mal-grilja. Il-proġetti ta' trażmissjoni tal-enerġija jissodisfaw ukoll id-domanda domestika billi jtejbu l-kapaċità ta' netwerks eżistenti biex jintegraw il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bħall-enerġija mir-riħ u mill-ilma. Ħames (5) proġetti fl-2015 jiffokaw fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija, tlieta minnhom huma dwar l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinovabbli. Flimkien, huma se jiġġeneraw biżżejjed elettriku biex jipprovdu 2,45 miljun persuna fil-pajjiżi kkonċernati. F'każ wieħed, il-BEI se jieħu r-riskju ta' proġetti mibdiya mill-Bank Dinji fl-Ukrajna fir-rigward ta' enerġija mill-ilma, is-sistema ta' trażmissjoni u l-proġetti tal-effiċjenza enerġetika. Dan il-pass se jllibera kapaċità ta' self tal-Bank Dinji biex jgħin lill-Ukrajna tiffinanzja l-importazzjonijiet mill-enerġija fuq żmien qasir biex tevita l-okkorrenza ta' kriżi serja tal-enerġija.

Il-BEI iffirma sitt (6) proġetti ġodda fis-settur tat-trasport. Huma jinkludu l-iżvilupp ta' links ferrovjarji interurbani, sistemi ġodda ta' trasport urban u t-titjib tat-trasport fit-toroq permezz ta' titjib fil-wiċċ tat-triq.

Fis-settur tal-ilma u tas-sanitazzjoni, ġew iffirmati erba' (4) proġetti fl-2015. Flimkien, dawn se jtejbju l-aċċess jew il-provvista ta' ilma tax-xorb sikur għal madwar 1,6 miljun unità domestika. Huwa mistenni li dan it-titjib fl-aċċess jista' jkollu impatti sinifikanti f'pajjiżi fejn il-provvista ta' ilma fqira hija l-kawża ewlenija ta' mard, kif ukoll ta' piżijiet finanzjarji u ta' ħin sinifikanti fuq unitajiet domestiċi bi dħul baxx.

Proġett wieħed fis-settur tal-ġestjoni tal-iskart solidu se jagħti kontribuzzjoni importanti fil-ġestjoni tal-impatti ambjentali tar-rimi tal-iskart.

Fil-qafas tal-agrikoltura u l-forestrija, ġew iffirmati żewġ proġetti. Dak tal-forestrija se jappoġġa r-riforestazzjoni fuq 80 000 ħa ta' art degradata u r-riabilitazzjoni tal-foresti fuq 20 000 ħa u miżuri ta' kontroll tal-erożjoni fuq 155 000ħa ulterjuri.

Informazzjoni dettaljata fuq il-proġetti finanzjati tinsab fl-SWD.

Mitigazzjoni u adattament tat-tibdil fil-klima

Peress li kemm il-kawża, kif ukoll l-effetti tat-tibdil fil-klima huma globali, l-estensjoni u l-espansjoni tal-finanzjament għall-klima lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni huma parti vitali mill-politika esterna u tal-iżvilupp tal-Unjoni. Il-BEI għandu rwol ċentrali f'dawn l-isforzi. L-appoġġ tiegħu għall-azzjoni klimatika baqa' għoli fl-2015, b'sottoskrizzjonijiet totali ta' EUR 2 biljun, li jirrappreżenta aktar minn 30 % tas-sottoskrizzjoniet kollha fir-reġjuni tal-Mandat. Dan il-livell huwa simili għaċ-ċifra tas-sena preċedenti u huwa ferm ogħla mill-mira globali tal-BEI ta' 25 % mis-self kumplessiv². Il-Mandat, għalhekk, jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima, b'fokus qawwi fuq operazzjonijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'92 % tal-operazzjonijiet tal-BEI u 8 % dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Il-maġġoranza kbira tas-self għall-azzjoni klimatika għadha tiġi minn proġetti fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija li flimkien jirrappreżentaw 68 % ta' azzjoni klimatika ġdida barra mill-Unjoni fl-2015. Is-settur tal-agrikoltura u l-forestrija għad għandu wkoll rwol importanti.

Proġetti ġodda ta' azzjoni klimatika fl-2015 jinkludu sitt proġetti tas-settur tat-trasport. Huma jinkludu, fost l-oħrajn, il-bini ta' linji tal-metro u t-twaqqif ta' sistemi ta' trasport pubbliku urban.

Tmien proġetti ġodda tas-settur tal-enerġija fl-2015 se jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, kif se jagħmlu numru ta' proġetti multisettorjali b'komponent iffokat fuq il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

L-investiment fl-agrikoltura u fil-forestrija jista' jkollu rwol kritiku, mhux biss biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima permezz tal-assorbiment tal-karbonju, iżda wkoll biex titjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-produzzjoni tal-ikel skont tendenzi klimatiċi li jinbidlu. Il-proġett ta'

² L-Artikolu 3(7) tad-Deċiżjoni 466/2014/UE jitlob li matul l-2014-2020, il-proġetti ta' mitigazzjoni u adattament tat-tibdil fil-klima għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 25 % tal-operazzjonijiet ta' finanzjament kollha tal-BEI.

tisgħir jikkontribwixxi mhux biss għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima permezz tas-sekwestru tal-karbonju iżda wkoll għall-adattament għat-tibdil fil-klima billi jiffoka fuq il-kontroll tal-erożjoni. Din l-aħħar dimensjoni tas-self għall-klima spiss tiġi ttraskurata minħabba nuqqas ta' aptit biex wieħed jissellef għal adattament, kif ukoll l-attrattività limitata li dan is-settur għandu għal investitori mis-settur privat. Madankollu, filwaqt li jirrikonoxxi li r-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni huma partikolarment vulnerabbli għall-varjabbiltà fil-klima attwali u għat-tibdil fil-klima fil-ġejjieni, il-BEI qed isahha l-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fil-proġetti. Huwa jinkludi għajjnuna teknika ta' sostenn u miżuri xierqa ta' ippjanar kif ukoll l-appoġġ għal investimenti speċifiċi ta' adattament bħall-kontroll tal-għargħar u miżuri ta' difiża.

L-isforz tal-BEI fl-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika jinkludi l-Eżerċizzju tal-Marka tal-Karbonju li jagħti stima tal-emissjonijiet ta' gass serra mill-proġetti tiegħu u jirrapporta dwarhom. Fl-2015, 23 mill-proġetti fir-reġjuni ELM ġew inklużi fl-Eżerċizzju tal-Marka tal-Karbonju fl-2015. Huma jirrappreżentaw sottomarkazzjonijiet totali tal-BEI jew approvazzjonijiet ta' allokkazzjoni ta' EUR 2,7 biljun. It-total tal-emissjonijiet assoluti relatati tal-GHG huwa stmat għal 1,4Mt CO₂-eq/sena (iċ-ċifri baxxi f'termini assoluti huma dovuti għal għadd kbir ta' proġetti tal-forestrija li se jissekwestraw is-CO₂) b'emissjonijiet iffrankati/evitati stmati, b'mod kumplessiv, għal 1.3Mt CO₂-eq/sena għall-istess finanzjament.

Kemm l-Istrateġija Klimatika ELM, kif ukoll l-Istrateġija Klimatika riċentement approvata jenfasizzaw il-promozzjoni ta' approċċi tal-ġestjoni tar-riskji biex tiżdied ir-reżiljenza tal-assi, tal-komunitajiet u tal-ekosistemi relatati mal-proġetti tal-BEI. Il-BEI qed jiżviluppa sett ta' strumenti tal-Valutazzjoni tar-Riskju u l-Vulnerabbiltà tal-Klima fis-setturi u r-reġjuni kollha u jindirizza l-vulnerabbiltajiet tal-proġett. Huwa se jippermetti lill-BEI jidentifika prijoritajiet u jappoġġa azzjonijiet ta' adattament fil-finanzjament tiegħu. Il-BEI ikkommetta lill-Parlament Ewropew li l-Bank qed jiskrinja sistematikament l-operazzjonijiet ELM (u ACP) ġodda kollha għar-riskji tal-klima tagħhom fl-istadju ta' qabel l-evalwazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet tal-proġett. Is-sistema għadha fil-fażi ta' żvilupp finali iżda, sal-2017 huwa ppjanat li jkun hemm fis-seħħ sistema kompletament integrata. Fl-2015, il-proġetti kollha taħt l-ELM kienu suġġetti għal dak l-iskrining. Il-maġġoranza tal-proġetti riċevuti kellhom klassifikazzjoni tar-riskji medja sa għolja.

Integrazzjoni reġjonali

Fl-2015, il-BEI iffirma total ta' 16-il kuntratt ta' finanzjament b'valur ta' EUR 2,3 biljun (EUR 1,6 biljun fl-2014) li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni reġjonali. Disa' linji ta' kreditu (EUR 1 255 miljun) se jappoġġaw l-integrazzjoni reġjonali prinċipalment fir-reġjun ta' Qabel l-Adeżjoni billi jrawmu kollaborazzjoni internazzjonali u billi jappoġġaw il-konverġenza tal-ekonomiji lejn l-Unjoni. Fis-settur tat-trasport, it-tliet proġetti sottomarkati għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-mobbiltà lil hinn mill-fruntieri (EUR 524 miljun). L-erba' (4) proġetti l-oħra ffirmati fl-2015 taħt l-integrazzjoni reġjonali huma mis-setturi tal-agrikoltura, tal-ilma, tal-enerġija u tal-iskart solidu.

3.2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-VOLUM TA' FINANZJAMENT MILL-BEI FIR-REĠJUNI KOPERTI MID-DEĊIŻJONI³

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-volum tal-finanzjament tal-BEI fl-2015 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni.

Tabella 1: Operazzjonijiet ta' Finanzjament mill-BEI sottoskritti fl-2015

Pajjiżi tal-operat (EUR miljun)	Operazzjonijiet b'garanzija tal-UE			Operazzjonijiet b'riskju proprju tal-BEI	Total
	Garanzija komprensiva	Kopertura għar-riskju politiku	Total		
Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	957	0	957	1 565	2 522
Pajjiżi Mediterranji	1 211	65	1 276	141	1 417
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	1 426	55	1 481	0	1 481
L-Asja u l-Amerika Latina	821	150	971	150	1 121
L-Afrika t'Isfel	50	100	150	0	150
Total	4 465	370	4 835	1 856	6 691

Noti: Minbarra l-volumi ta' hawn fuq mir-riżorsi proprji tal-BEI, għe sottoskritti investiment f'fond ta' mikrofinanzjament mir-riżorsi ta' parti terza fil-Mediterran li jammonta għal EUR 2 miljun.

Is-sehem tal-attività bil-garanzija tal-UE, bħala volum totali żdied fl-2015 b'16 % biex laħaq EUR 4,8 biljun (EUR 4,2 biljun fl-2014) jew 72 % tal-finanzjament totali tal-2015 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni. Is-sehem tal-attività b'riskju proprju tal-BEI naqas b'28 % (EUR 1,9 biljun). Madwar 92 % tal-operazzjonijiet iffinanzjati b'riskju proprju tal-BEI matul l-2015 ġew sottoskritti f'Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni u f'pajjiżi ALA, filwaqt li t-8 % li jifdal kienu fir-reġjun tal-Mediterran. Fil-viċinat tal-Lvant u fl-Afrika t'Isfel, il-finanzjament kollu kien sottoskritti bil-garanzija tal-UE.

Fl-2015, 92 % tas-self sottoskritti bil-garanzija tal-UE kien kopert b'Garanzija Komprensiva (EUR 4,5 biljun), li tintuża għal operazzjonijiet sovrani u subsovrani, filwaqt li 8 % ibbenefikaw mill-kopertura għar-riskju politiku (EUR 0,4 biljun) għal operazzjonijiet tas-settur privat.

Tabella 2: Sottoskrizzjonijiet netti meta mqabbla mal-limiti massimi fil-Mandat attwali tal-UE għall-2014-2020

f'miljuni ta' EUR	Limitu massimu	Sottoskrizzjonijiet netti (EUR miljun)	Sottoskrizzjonijiet netti bħala % tal-limitu massimu tal-mandat
Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	8,739	1 157	13 %
Il-Mediterran	9,606	1 656	17 %
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	4,831	2 571	53 %
L-Asja u l-Amerika Latina	3,407	1 386	41 %
L-Afrika t'Isfel	416	150	36 %


³ Id-Deċiżjoni 466/2014/UE

Total fir-Reġjuni tal-Mandat	27,000	6 920	26 %
------------------------------	--------	-------	------

Kif ippreżentat fit-Tabella 2, wara 1,5 sena ta' attivitajiet ta' finanzjament fl-ELM 2014-2020 (21 % taż-żmien tal-implimentazzjoni għadda), it-total ta' sottoskrizzjonijiet fl-ELM laħaq EUR 6,9 biljun, li jikkorrispondi ma' rata ta' użu ta' 26 % (li żdiedet minn 8 % fi tmiem l-2014). Ir-rata ta' użu fil-Viċinat tal-Lvant u fir-reġjun tar-Russja qabżet il-50 %, segwiti mill-Asja u mill-Amerika Latina u mill-Afrika t'Isfel b'41 % u 36 % rispettivament.

L-inadempjenzi fuq pagamenti tal-imgħax u ripagamenti ta' self mill-Gvern Sirjan komplew fl-2015. Fi tmiem l-2015, il-pagamenti kumulattivi mill-Fond ta' Garanzija relatati ma' eżerċizzji mill-BEI ammontaw għal total ta' EUR 202,89 miljun, li minnhom EUR 60,16 miljun tħallsu fl-2015.

Ċart 2: L-evoluzzjoni annwali tal-volumi tas-self fuq ir-riżorsi proprji tal-BEI



Iċ-Ċart 2 turi l-evoluzzjoni tas-self bil-Mandat u l-faċilitajiet għar-riskju proprju bejn l-2007 u l-2015. Matul il-perjodu sħiħ, medja ta' 65 % tal-finanzjament tal-BEI f'dawn ir-reġjuni jibbenefika mill-Mandat bil-Garanzija tal-UE, bi fluttwazzjonijiet annwali bjen l-47 % u s-78 %.

F'termini ta' għadd ta' proġetti, fl-2015 ġie sottoskritti il-finanzjament għal 38 proġett b'Garanzija tal-UE (42 fl-2013) u 16-il proġett b'riskju proprju tal-BEI (23 proġett kienu sottoskritti fl-2014).

Tabella 3: L-għadd ta' operazzjonijiet sottoskritti skont ir-reġjun (ir-riżorsi kollha), fl-2015

Reġjuni	Riżorsi ta' Partijiet Terzi	B'garanzija tal-UE	Riskju proprju tal-BEI	Total
Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	0	7	14	21
Il-Mediterran ⁴	1	10	1	12
Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	0	9	0	9
L-Asja u l-Amerika Latina	0	11	1	12
L-Afrika t'Isfel	0	1	0	1
Total	1	38	16	55

Kif muri fit-Tabella 4, il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni baqgħu r-reġjun benefiċjarju ewlieni tal-finanzjament tal-BEI barra l-UE fl-2015 b'EUR 2,5 biljuni sottoskritti, li jirrappreżentaw 38 % tal-finanzjament totali fir-reġjuni kkonċernati. Fokus ewlieni għal dan ir-reġjun kien li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju adegwat għall-innovazzjoni u t-tkabbir, b'mod partikolari l-SMEs u s-self lis-settur privat. Skont il-Mandat, prijorità ewlenija kienet ukoll li jiġu ffinanzjati proġetti li jintegraw b'mod aktar sħiħ man-networks infrastrutturali Ewropej.

Fil-pajjiżi Mediterranji, l-ammont sottoskritti laħaq il-EUR 1,4 biljun. Il-maġġoranza ta' dan l-ammont kienet għal proġetti ffokati fuq li jipprovdu sostenn għall-bini ta' infrastruttura soċjali u ekonomika, speċjalment proġetti tal-enerġija (53 %) u trasportazzjoni (25 %). Għe allokat total ta' 12 % lil banek fil-linji ta' kreditu għal self għall-SMEs.

Fil-Viċinat tal-Lvant, is-sottoskrizzjonijiet ammontaw għal EUR 1,5 biljun, li jirrappreżenta l-ogħla żieda mill-2014 (+26 %) fost ir-reġjuni kollha tal-Mandat, anki fil-kuntest tas-sanzjonijiet tal-Unjoni fuq ir-Russja. B'mod partikolari, b'rabta mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ukrajna, EUR 1,3 biljun kienu sottoskritti, inkluż l-ewwel firma ta' tranżazzjoni ta' garanzija (madwar EUR 0,5 biljun, li tkopri proġetti ta' investiment tal-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp fl-Ukrajna) li tibbenefika mill-garanzija komprensiva tal-UE.

Fl-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Amerika Latina, it-total ta' kuntratti ffirmati naqas bi 18 % mill-2014 u jammonta għal total ta' EUR 1,1 biljun. L-Amerika Latina rrapreżentat 55 % mill-kuntratti ffirmati, b'enfasi speċjali fuq l-infrastruttura u l-finanzjament tas-settur privat fil-Brażil u fin-Nikaragwa.

Fl-Afrika t'Isfel, ingħataw tliet selfiet, b'ammont totali ta' EUR 150 miljun, biex jiffinanzjaw il-linji ta' kreditu tas-settur privat lil banek għall-għoti ta' self lill-SMEs.

Tabella 4: Distribuzzjoni settorjali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI sottoskritti fl-2014 fir-reġjuni koperti mid-Deċiżjoni (ir-riżorsi kollha)

EUR miljun	Il-Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni	Il-Pajjiżi Mediterranji	Il-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja	L-Asja u l-Amerika Latina	L-Afrika t'Isfel	Total
Linji ta' kreditu	1 430	175	505	250	150	2 510
Enerġija	40	758	477	545	-	1 819
Trasport	562	350	151	233	-	1 296
Ilma, sistemi	23	125	260	93	-	500

⁴ Operazzjoni waħda appoġġata kemm b'finanzjament appoġġat b'riskju proprju tal-BEI, kif ukoll b'finanzjament skont l-ELM — irreġistrata bħala b'riskju proprju tal-BEI.

ta' drenaġġi						
Industrija	200	2	-	-	-	202
Servizzi	135	10	-	-	-	145
Agrikoltura, sajd, forestrija	120	-	-	-	-	120
Skart solidu	13	-	48	-	-	61
Żvilupp urban	-	-	40	-	-	40
Total kumplessiv	2 522	1 419	1 481	1 121	150	6 693

3.3. IMPATT U VALUR MIŻJUD TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-BEI


Il-qafas tal-ReM jipprovdi valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom kollu. Dan jgħin sabiex jintgħażlu proġetti tajbin li huma konformi mal-prijoritajiet tal-Unjoni abbażi ta' riżultati konkreti, u fejn l-involviment tal-BEI jżid il-valur. Fl-istadju ta' valutazzjoni, jiġu identifikati l-indikaturi tar-riżultati b'xenarji ta' referenza u miri li jirriflettu r-riżultati ekonomiċi, soċjali u ambjentali mistennija tal-operazzjoni. Ir-riżultati, mqabblin ma' dawn il-valuri referenzjari speċifiċi ta' prestazzjoni, huma mmonitorjati matul ħajjet il-proġett kollu u rappurtati f'żewġ stadji importanti: meta jitlesta l-proġett, u tliet (3) snin wara li jitlesta l-proġett ("wara t-tlestija ") fil-każ ta' operazzjonijiet diretti; lejn l-aħħar tal-perjodu ta' investiment u fi tmiem il-ħajja tal-fondi ta' ekwità privata, u fl-aħħar tal-perjodu ta' allokazżjoni fil-każ tal-ġhoti ta' self b'intermedjarji.

Il-proġetti jiġu kklassifikati skont tliet “Pilastru”:

- (i) Il-Pilastru 1 jikklassifika l-kontribuzzjoni mistennija għall-prijoritajiet tal-UE u tal-pajjiżi kif ukoll l-eliġibbiltà skont l-oġettivi tal-mandat tal-BEI.
- (ii) Il-Pilastru 2 jikklassifika l-kwalità u s-solidità tal-operazzjoni, abbażi tar-riżultati mistennija.
- (iii) Il-Pilastru 3 jikklassifika l-addizzjonalità finanzjarja u nonfinanzjarja mistennija tal-BEI.

Ir-riżultati tar-Rieżamijiet tat-Tlestija tal-ProġettiReM flimkien ma' studju tal-każ tal-ewwel proġett ta' infrastruttura li jitlesta huma miġbura fil-qosor fid-dokument ta' ħidma. Ir-riżultati mistennija mistennija huma ppreżentati f'din it-taqsimu u diskussi għal operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI sottoskritti fl-2015 fir-reġjuni koperti mill-Mandat. Sabiex jiġi evitat li l-proġetti u r-riżultati mistennija jingħaddu darbtejn, dan ir-rapport se jirreferi biss għar-riżultati mistennija u l-addizzjonalità tal-“proġetti ġodda”, jiġifieri dawk li għalihom l-ewwel kuntratt ta' finanzjament ġie ffirmat fl-2015 - 49 proġett ġdid.

Ċart 3: Klassifikazzjonijiet ReM skont il-pilastri għall-operazzjonijiet ġodda sottomskritti fl-2015



F'termini ta' saħħa ta' kontribuzzjoni għall-oġġettivi (il-Pilastru ReM 1), aktar minn 33 % tas-sottomskrizzjonijiet ġodda fl-2015 ġew ikklassifikati bħala “eċċellenti”, jiġifieri b'kontribuzzjoni għolja kemm għall-oġġettivi tal-pajjiżi stess kif ukoll għall-prijoritajiet tal-Unjoni għall-pajjiż u/jew ir-reġjun kkonċernati. 67 % tal-operazzjonijiet ġew ikklassifikati bħala “tajba” skont il-Pilastru 1. Dawk il-proġetti li huma mistennija li jagħtu kontribuzzjoni “tajba” huma konformi mal-oġġettivi tal-Mandat u jistgħu jagħtu kontribuzzjoni għolja għall-oġġettivi tal-iżvilupp tal-pajjiżi stess jew dawk tal-Unjoni u kontribuzzjoni moderata lill-ieħor.

Għal proġetti finanzjati direttament (il-Pilastru ReM 2), il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq is-solidità, is-sostenibbiltà finanzjarja u ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tal-proġetti. Għal operazzjonijiet intermedjati, il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq ir-riżultati mistennija, ponderati b'kunsiderazzjonijiet tar-riskju kif imkejla mis-solidità tal-intermedjarju u l-kwalità tal-ambjent operatorju.

Il-Pilastru 2 juri li operazzjoni għda sottomskritta waħda biss mistennija jkollha klassifikazzjoni eċċellenti b'rata ta' redditu interna (ERR) akbar minn 15 %. Aktar minn 85 % tal-operazzjonijiet ġodda huma mistennija li jkunu “tajbin”. Dawn huma operazzjonijiet diretti b'medja ta' ERR minn 10 % sa 15 %, fil-każ ta' proġetti ta' infrastruttura, jew operazzjonijiet intermedjati li jikkontribwixxu biex jitjieb l-aċċess għall-finanzjament u biex is-settur finanzjarju jiżviluppa, għalkemm f'ambjent ta' riskju għoli li fih huwa inqas probabbli li jinkisbu riżultati. Sitt proġetti rċewew klassifikazzjoni “aċċettabbli”, primarjament minħabba l-ambjent ta' riskju għoli li jħalli impatt fuq il-probabbiltà li jinkisbu r-riżultati ppjanati.

L-“addizzjonalità” (il-Pilastru ReM 3) hija kkalkolata bħala d-differenza bejn il-kontribuzzjoni tal-BEI għal proġett ta' investiment u l-finanzjament tas-suq standard, fi tliet dimensjonijiet: l-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji għall-ħtiġijiet tal-proġetti; il-kontribuzzjoni teknika tal-BEI; u l-impatt f'termini ta' li jogħlew l-standards u jiġu ffaċilitati kontribuzzjonijiet minn sorsi oħra.

Fil-maġġorparti tad-49 proġett ġdid fl-2015, l-"addizzjonalità" tal-appoġġ tal-BEI hija klassifikata "sinifikanti" (33), jew "għolja"(7). Disgħa (9) rċevew klassifikazzjoni "moderata". Il-grad ta' addizzjonalità għandu tendenza li jkun ogħla għal proġetti kumplessi f'reġjuni anqas żviluppati, jew meta l-ħtiġijiet ta' promoturi ta' proġetti huma l-akbar, u anqas b'saħħithom meta l-BEI jitratta ma' promoturi u intermedjarji ta' esperjenza. Għal din ir-raġuni, il-maġġoranza tal-proġetti bi klassifikazzjoni ta' addizzjonalità "għolja" kienu fil-viċinat tal-Lvant u fir-reġjuni Mediterranji, filwaqt li l-addizzjonalità ta' ħames (5) proġetti fir-reġjun ta' qabel l-adeżjoni ġiet klassifikata biss "moderata".

L-abbiltà tal-BEI li jipprovdi finanzjament fit-tul, li spiss kieku ma jkunx disponibbli, hija waħda mill-elementi ewlenin tal-kontribuzzjoni tal-Bank. Kważi l-operazzjonijiet ġodda kollha fl-2015 jipprovdu maturità lil promoturi tal-proġetti jew lil intermedjarji finanzjarji li taqbeż il-maturità tipika disponibbli fis-swieq lokali. F'diversi każijiet, it-termini tal-finanzjament tal-BEI jipprovdu tqabbil mill-qrib mal-ħajja ekonomika tal-assi li għandhom jiġu ffinanzjati. Il-maturità pprovduta għal proġetti ġodda fl-2015 – madwar 15-il sena bħala medja – hija stmata li hi, bħala medja, madwar darbtejn u nofs aktar minn dik disponibbli fis-suq lokali.

Għal operazzjonijiet magħżula, il-BEI jista' juża mekkaniżmi differenti sabiex jassorbi r-riskju tal-kambju. Dan jista' jagħmel il-finanzjament aktar attraenti għall-mutwatarji, inkluż il-benefiċjarji finali ta' operazzjonijiet intermedjati li l-attivitajiet tagħhom huma ffokati fuq is-swieq domestiċi. Fi ħdan ir-reġjuni ELM, tliet linji ta' kreditu bbeneifikaw minn finanzjament bil-munita lokali.

Il-BEI jaħdem biex jimmobilizza u jġestixxi għotjiet minn partijiet terzi flimkien mas-self tiegħu. Dawn huma sors addizzjonali ta' addizzjonalità, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, kif ukoll fil-Viċinat tal-Lvant. Tnax-il proġett ġdid ibbeneifikaw minn għotjiet fl-2015.

Ir-rwol tal-BEI wera li huwa prominenti wkoll fir-rigward it-titjib tal-istandards, tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u tal-kontribuzzjoni teknika.

4. KOOPERAZZJONI TAL-BEI MA' OĦRAJN

4.1 KOOPERAZZJONI MAL-KUMMISSJONI

Il-Mandat jitlob li l-Kummissjoni, is--SEAE u l-BEI jikkooperaw u jsaħħu l-allinjament tal-azzjonijiet esterni tal-BEI u l-oġettivi tal-politika esterna tal-Unjoni, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn il-finanzjament mill-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-UE, l-aktar permezz ta' djalogu regolari u sistematiku u konsultazzjoni minn kmieni dwar il-politiki, l-istrateġiji u l-proġetti ppjanati. Fl-2015, il-Memorandum ta' Qbil (rivedut fl-2013) bejn il-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI fir-rigward ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fir-reġjuni koperti mill-Mandat kompli jiġi applikat – permezz ta' skambju ta' informazzjoni dwar proġetti ppjanati u informazzjoni ta' kuntatt.

Mekkaniżmi ta' taħlit jirriżultaw f'relazzjonijiet ta' kofinanzjament qawwija ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali ("IFIs") oħrajn u fallinjament ma' politiki tal-Unjoni u ma' prijoritajiet fil-kuntest ta' kull pajjiż rispettiv sabiex jiġi massimizzat l-impatt intiż ffinanzjat minn għotjiet tal-Unjoni. Minbarra dan, l-istruttura tal-governanza ta' dawn il-faċilitajiet tippermetti u teħtieġ koordinazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, is-SEAE u IFIs oħra qabel il-preżentazzjoni ta' proġett għat-taħlit ta' riżorsi ta' għoti ma' self

tal-BEI. Fl-2015 il-BEI kompla jipparteċipa b'mod attiv fil-mekkaniżmi reġjonali ta' taħlit. EUR 197 miljun ta' kontribuzzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni (għotjiet, assistenza teknika, kapital ta' riskju) ġew approvati jew sottoskritti, biex b'hekk jikkomplimentaw il-finanzjament tal-BEI f'reġjuni ELM (EUR 108 miljun ta' riżorsi baġitarji tal-Unjoni li jikkomplementaw self tal-BEI fil-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat, EUR 62 miljun fil-Faċilità ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent, EUR 10 miljun fil-Faċilità ta' Investiment tal-Amerika Latina u EUR 2 miljun fil-Faċilità ta' Investiment tal-Asja Ċentrali). Il-BEI ikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni fil-grupp tal-esperti tekniċi tal-Pjattaforma tal-UE għat-Taħlit fil-Kooperazzjoni Esterna (EUBEC). Il-lista dettaljata ta' operazzjonijiet ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni ġestiti mill-BEI (TA, Għotjiet, Ekwità) li ġew sottoskritti jew approvati fl-2015 jistgħu jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

F'Jannar 2016, il-Kummissjoni adottat Pakkett Kontra l-Evitar tat-Taxxa, li fih serje ta' inizjattivi għal pożizzjoni aktar b'saħħitha u koordinata tal-UE kontra l-abbuż tat-taxxa fuq il-kumpaniji – fis-Suq Uniku u lil hinn minnu. Il-pakkett ikompli jespandi fuq il-kriterji li jikkostitwixxu governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, inkluż miżuri dwar il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Dan il-Pakkett jirrifletti diskussjonijiet fil-Kunsill, ir-rakkomandazzjonijiet mill-Parlament Ewropew kif ukoll l-eżitu tal-Proġett tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitti tal-OECD. F'dan il-kuntest, u skont il-kompetenzi estensivi tal-Grupp tal-BEI u l-pożizzjoni ta' tmexxija fil-promozzjoni tal-aħjar prattiki dwar it-trasparenza fiskali u t-tassazzjoni effettiva, il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-BEI dwar kif il-politika dwar il-Ġurisdizzjonijiet mhux Konformi tal-Bank tista' tevolvi biex tirrifletti dawk il-miżuri ġodda kontra l-evitar tat-taxxa.

L-aspetti dettaljati ta' kooperazzjoni interistituzzjonali bejn il-BEI, il-Kummissjoni u s-SEAE biex jappoġġaw il-prioritajiet kemm tal-Unjoni, kif ukoll tal-pajjiżi sħab f'dawk ir-reġjuni jistgħu jinsabu fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

4.2. KOOPERAZZJONI MAL-OMBUDSMAN EWROPEW

Il-Memorandum ta' Ftehim iffirmat bejn il-BEI u l-Ombudsman Ewropew fl-2008 jistabbilixxi l-bażi għal żewġ stadji tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI — dak intern (BEI-MI) u dak estern (l-Ombudsman) — approvati mill-Bord tad-Diretturi tal-BEI fl-2010 wara konsultazzjoni pubblika estensiva. Dan wassal għal fehim komuni tal-iskop u l-konsistenza tal-applikazzjoni fil-partijiet interni u esterni kollha tiegħu, b'attenzjoni speċifika għal:

- L-eżistenza ta' Mekkaniżmu tal-Ilmenti intern effettiv (BEI-MI) li jittratta l-ilmenti mressqa minn partijiet esterni lill-BEI fl-unitajiet operatorji kollha tal-BEI;
- Dwar l-ilmenti relatati ma' operazzjonijiet barra l-Unjoni, inkluż il-Mandati Esterni, l-Ombudsman jimpenja ruħu li juża s-setgħa ta' inizjattiva proprja tiegħu b'mod sistematiku sabiex jittratta l-ilmenti meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin tal-Unjoni jew residenti fiha;
- L-ambitu ta' rieżami tal-Ombudsman, bir-rikonoxximent li l-ewwel approċċ irid ikun dak tal-BEI-MI.

Matul l-2015, l-Ombudsman ma rċieva l-ebda lment relatat mal-attivitàjiet tal-BEI fir-Reġjun kopert mill-Mandat ta' Self Estern. Madankollu, u wara kumment kritiku li sar mill-Ombudsman lill-Bank fl-2014 rigward l-ittrattar tal-proċess ta' akkwist pubbliku tal-proġett fil-Kuridur V c) fil-Bożnija-Ħerzegovina, il-Bank wettaq awditu tal-monitoraġġ tiegħu tal-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku fl-2015.

4.3. KOOPERAZZJONI MA' ISTITUZZJONIJIET INTERNAZZJONALI TA' FINANZJAMENT

Il-Kooperazzjoni ma' IFIs oħra hija parti integrali mill-attivitajiet tal-BEI, li jvarjaw minn djalogu dwar kwistjonijiet istituzzjonali, suġġetti orizzontali u kwistjonijiet tematiċi, u konsultazzjoni reċiproka, għal forom imtejba ta' kofinanzjament operazzjonali u kondiviżjoni tax-xogħol. Id-djalogi bejn l-IFIs ħafna drabi jseħħ fi gruppi ta' ħidma speċjalizzati li jiltaqgħu perjodikament sabiex jaqsmu bejniethom l-aħjar prattiki jew sabiex jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi.

Fl-2015, il-BEI kompli jaħdem ma' Banek Multilaterali tal-Iżvilupp oħrajn fuq l-Aġenda tal-Iżvilupp ta' wara l-2015 u b'mod partikolari fuq l-iżvilupp ta' approċċ komuni għal rwoli fir-rigward tal-Finanzjament tal-Iżvilupp. L-avvenimenti internazzjonali ewlenin kienu t-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (Addis), is-Summit tan-NU (New York) u l-Konferenza tal-Partijiet (COP21) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Pariġi. F'dan il-kuntest, il-BEI saħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu ma' Banek Multilaterali oħra tal-Iżvilupp u, b'mod partikolari, fassal b'mod konġunt diversi rapporti importanti mal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs- Multilateral Development Banks) u mal-IMF. B'mod partikolari, ir-rapport konġunt " From billions to trillions: MDB contributions to financing for development", li ġie ppublikat qabel il-Konferenza ta' Addis f'Lulju 2015 kellu impatt sinifikanti biex jiġbed l-attenzjoni kemm fuq il-progress konġunt u iwkoll dak ndividwali tal-MDBs, kif ukoll fuq il-ħtieġa għal azzjoni fuq skala akbar.

Fl-2015, il-BEI kellu r-responsabbiltà li jippresedi l-grupp ta' ħidma tal-MDB tas-Sħubija ta' Deauville tal-G7 li għalih il-President tal-BEI irraporta lill-laqgħa ministerjali tal-G7 fil-Laqgħat Annwali tal-Bank Dinji u tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

Fl-2015, il-BEI kompli l-kooperazzjoni tiegħu mal-G20 permezz ta' parteċipazzjoni regolari fil-Grupp ta' Ħidma għal Investiment fl-Infrastruttura tal-G20 (IIWG) u kontribuzzjoni fih. Il-BEI saħħaħ ukoll ir-rabtiet tiegħu mas-Sistema tan-NU, b'Memoranda ta' Qbil ġodda ffirmati minn żewġ istituzzjonijiet, l-IFAD u l-UNIDO. Il-BEI kompli jikkontribwixxi għall-ħidma tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD (DAC) dwar il-modernizzazzjoni tal-Għajnuna Uffiċċjali għall-Iżvilupp (ODA).

Il-BEI kompli wkoll jikkoopera matul l-2015 mal-MDBs u IFIs oħra u gruppi rilevanti sabiex jarmonizza l-intraċċar tal-finanzjament għall-klima u jagħmel impatt fuq l-istandards tar-rapportar.

Skont il-Mandat, madwar 41 % tal-firem ġew kofinanzjati ma' IFIs oħra u 31 % tal-operazzjonijiet sottoskritti fl-2015 kienu assoċjati ma' komponent ta' għotja mill-baġit tal-Unjoni. Il-lista dettaljata ta' operazzjonijiet tal-BEI kofinanzjati ma' IFIs oħra fl-2015 tista' tinsab fil-SWD.